MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 72/22/LM

**Caroline Muscat**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Malta Film Commission**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-**Malta Film Commission** [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissjoni appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Mejju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal tal-Appelli Dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa 'l quddiem 'it-

Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda r-rikors tal-appell tagħha fil-konfront ta' **Caroline Muscat** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], billi ċaħdu u kkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tat-23 ta' Lulju, 2021 [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju' u 'id-deċiżjoni tal-Kummissarju' rispettivament], filwaqt li ordna lill-imsemmi Kummissarju sabiex jgħaddi lill-appellata kopja tad-dokumenti mogħtija lilu mill-Kummissjoni appellanta.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw rikjesta magħmula lill-Kummissjoni appellanta mill-appellata fl-4 ta' Jannar, 2021 għal -

> *"[l]ist of all contracts and/or payments, including direct orders, entered into between the Commission or any of its departments and Mediatoday Co Ltd, Business 2 Business Ltd, or Saviour Balzan between 2013 and the day when this request is replied to, including contract/direct order reference number, date of award, scope of contract/direct order and value, name/position of official authorizing the respective contract/payment".*

Fit-2 ta' Frar, 2021 il-Kummissjoni appellanta irrifjutat ir-rikjesta *ai termini* tal-para. 14(g) tal-Kap. 496 għar-raġuni mfissra li *'document requested is not held by the Public Authority',* u għalhekk l-appellata talbitha sabiex tikkonsidra mill-ġdid ir-rikjesta tagħha. Iżda l-Kummissjoni appellanta baqgħet ferma fil-pożizzjoni tagħha u l-appellata minnufih ressqet ilment quddiem il-Kummissarju fis-27 ta' Frar, 2021 sabiex jinvestiga il-każ. Il-Kummissarju wara li kkunsidra s-sottomissjonijiet magħmulin mill-Kummissjoni appellanta in sostenn tad-deċiżjoni tagħha għal rifjut, iddeċieda kif ġej:

> *"On the basis of the foregoing, in terms of article 23(3)(b) of the Act, the Commissioner hereby decides that the Public Authority holds documentation which meets the terms of the request submitted by the applicant and therefore there is no legal impediment which could hinder the disclosure of the copies of the "contracts and/or* payments, including direct orders, entered into between the Commission or any of its departments and Mediatoday Co Ltd, Business 2 Business Ltd, or Saviour Balzan".
>
> *Consequently, by virtue of article 12(1)(b) of the Act, the Public Authority is hereby being instructed to provide the applicant with copies of payments made to Mediatoday Co. Ltd, Mr Saviour Balzan and, or Business 2 Business Ltd, in relation to services, from 2013 up till the date of the issuance of this decision notice.*
>
> *The Public Authority shall provide the applicant with access to the documents mentioned in the preceding paragraph by not later than twenty (20) working days from the date of receipt of this decision notice, and inform the Commissioner immediately thereafter".*

## Mertu

3. Il-Kummissjoni appellanta appellat minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex -

> *"...jogħġbu jħasssar id-deċiżjoni tal-Kummissarju mogħtija fit-23 ta' Lulju, 2021, stante li d-deċiżjoni ma ttieħditx skont il-liġi u li d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Kummissarju ma kinitx korretta, bl-ispejjeż kontra l-appellata."*

4. L-appellata laqgħet billi ssottomettiet li l-appell interpost kellu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-Kummissjoni appellanta.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidra:*

*L-ewwelnett l-appellanti huwa awtorità pubblika skont id-definizzjoni mogħtija fil-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta u li għalhekk bħala awtorità pubblika kif sewwa jikkontendi l-Kummissarju f'para 11 tad-dikjarazzjoni tiegħu, hija titħallas minn fondi pubbliċi u dan iwassal għall-aspettativa li l-pubbliku għandu jkun jaf fejn marru l-flus għand min u għaliex.*

***Rigward l-ewwel aggravju** li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-23 ta' Lulju 2021 cioe li d-deċiżjoni mhix motivata, hija qasira u bażata fuq l-ispirtu u l-iskop tal-Att, dan it-Tribunal jirrileva li l-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu, taqbel magħha jew ma taqbilx, hija bbażata fuq il-motivazzjoni mogħtija fil-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni.*

*Fir-rigward dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri per Imħ Sciberras tal-20 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Tomlin Company Limited v Jon David Limited liema Qorti ddeċidiet li Qorti mhijiex strettament obbligata li tispeċifika r-raġunijiet għaliex kienet qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Hi biss meħtieġa li tqis dawn l-eċċezzjonijiet fl-isfond tar-raġunijiet li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Deċiżjoni trid tkun motivata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mogħtija imma mhux meħtieġa għal validità tas-sentenza li telabora oltre dawn l-eċċezzjonijiet mogħtija.*

*Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju elenka fil-parti intitolata* Legal analysis and Decision *u a bażi tal-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni huwa wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Wieħed jista' ma jaqbilx ma din il-motivazzjoni msemmija f'dawn il-paragrafi iżda dan ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Kummissarju mhix waħda motivata anzi kienet ibbażata fuq l-osservazzjonijiet magħmula f'para 7 sa para 10 tal-istess deċiżjoni.*

*Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

***It-tieni aggravju** tal-Appellanti, huwa li l-Kummissarju ddeċieda billi ordna l-produzzjoni ta' dokumenti differenti minn dawk mitluba mill-applikanta –* ultra vires *u* extra petita *ċioe li l-ordni hija sabiex jiġu esebiti l-kuntratti meta t-talba ta' Caroline Muscat hija sabiex jiġu esebita l-lista tal-kuntratti.*

*It-talba tal-appellata hija hekk:*

list of all contracts and/or payments, including direct orders, entered into between the Commission or any of its departments and Mediatoday Co Ltd, Business 2 Business Ltd or Saviour Balzan between 2013 and the day when this request is replied to, including contract/director order reference number, date of award, scope of contract/direct order and value, name/position of official authorising the respective contract/payment"

*Illi kif dejjem ġie ritenut mill-Qrati tagħna hemm l-‘*extra petita’ *jew l-‘*ultra petita’ *meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew għad-domanda avvanzata mill-attur azzjoni jew domanda oħra li minnu ma ġietx proposta jew meta d-deċiżjoni tmur aktar ’l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata.” (vide fost oħrajn sentenza tal-Qorti tal-Appell per Prim Imħ Sir Anthony J Mamo deċiża fis-6 ta’ Novembru 1961 fl-ismijiet Professur Joseph Galea vs Dr Antonio Bonnici.*

*Illi mit-talba tal-appellata li saret lill-Kummissarju jirriżulta ċar li meta hija talbet lista tal-kuntratt eċċ hija ssostanzjat dan bis-segwenti ċioe* “entered into between the Commission etc”.

*Illi mill-atti jirriżulta li l-Kummissarju wara talba espliċita li għamel a bażi tal-artikolu 24 tal-Kap. 496 ġie mogħti lilu* sample documentation *mill-appellanti u li l-istess appellant kkonferma li għandu dokumenti li juri li tabilħaqq saru pagamenti mill-appellanti lil-kumpanniji u lill-persuna indikati fir-rikjesta.*

*Li għalhekk ma għandux raġun l-appellanti meta f’dan l-aggravju jallega li se mai l-Kummissarju kellu jordnalha tippreżenta l-lista tal-kuntratti eċċ u mhux il-kuntratti per se u għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Kummissarju ma jistgħax jingħad li tmur oltre dak rikjest mill-appellata Caroline Muscat f’dan ir-rigward.*

*Illi l-**artikolu 2 tal-Kap 496** jagħti tifsira ta’ ‘dokument’ u l-informazzjoni mitluba mill-appellanti taqa’ taħt din it-tifsira.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

***Dwar it-tielet aggravju** l-appellanti tilmenta li l-Kummissarju naqas li jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b’mod korrett meta interpreta t-talba tal-appellanti bħala li tinkludi l-kuntratti per se u mhux lista ta’ kuntratti.*

*Dwar dak li qed jikkontendi l-appellanti cioe li d-dokumenti mitluba ma jeżistux, iżda d-dokumenti annessi mal-appell tal-appellanti juru li pagamenti kienu joħorġu, sta għall-appellanti li jipprova li tali pagamenti saru mingħajr kuntratt u/jew b’direct order u hawnhekk dan it-Tribunal jagħmel referenza għal para 10 tar-risposta tal-Kummissarju tat-23 ta’ Lulju 2021 li tgħid li l-appellanti kkonferma miegħu li għandu kopja tad-dokumenti rikjesti.*

*Dan it-Tribunal filwaqt li jagħmel referenza għal dak rilevat minnu dwar it-tieni aggravju tal-appellanti, jirrileva wkoll li minn imkien ma jirrizulta li l-appellanti qed tiġi ordnata tippreżenta xi dokument jew dokumenti li ma ma jeżistux.*

*Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud”.*

**L-Appell**

6. Il-Kummissjoni appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-15 ta' Ġunju, 2022, fejn qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar id-deċiżjoni appellata billi tilqa' l-aggravji tagħha, filwaqt li ssib ukoll li għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju, bl-ispejjeż kontra l-appellata. Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (a) it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata naqas li jagħti motivazzjoni għall-istess; (b) fejn id-deċiżjoni tal-Kummissarju għamlet riferiment u ordnat il-produzzjoni ta' dokumenti differenti minn dawk mitluba, din kienet *ultra vires* u *extra petita;* u (ċ) id-diskrezzjoni tal-Kummissarju ma ġietx eżerċitata korrettement.

7. L-appellata laqgħet permezz tat-tweġiba tagħha tat-23 ta' Awwissu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell bl-ispejjeż, filwaqt li stiednet lill-Qorti sabiex tikkunsidra jekk il-Kummissjoni appellanta għandhiex tbati spejjeż doppji stante li l-imsemmi appell huwa msejjes biss fuq argumenti li kienu tressqu qabel u ġew skartati għal kollox.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-Kummissjoni appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellata u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

9. Il-Kummissjoni appellanta tispjega li l-ewwel aggravju tagħha huwa li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija nieqsa minn kull motivazzjoni, u huwa saħansitra naqas milli jispjega għaliex il-para. 14(g) tal-Kap. 496 mhux applikabbli fil-każ

odjern, mingħajr ma ressaq l-ebda argument fil-liġi u fil-fatt. Hawnhekk il-Kummissjoni appellanta tagħmel riferiment għall-paragrafi 7 sa 10 tad-deċiżjoni tal-Kummissarju, u għall-fatt li huwa sempliċement għamel riferiment għall-ispirtu u l-iskop tal-liġi msemmija. Il-Kummissjoni appellanta tirrileva li diversi drabi l-Qrati tagħna qalu li huwa neċessarju li fid-deċiżjoni għandu jiġi mfisser ir-raġunament tal-ġudikant, u dan sabiex il-parti telliefa tkun tista' jekk ma taqbilx mad-deċiżjoni, tappella minnha skont il-liġi. Dan filwaqt li hija tagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-Qrati tagħna. Il-Kummissjoni appellanta tissottometti li madankollu t-Tribunal naqas li jagħti mportanza għal dan il-prinċipju, u dan meta' jirriżulta b'mod ċar li d-deċiżjoni tal-Kummissarju ma kinitx motivata *ai termini* tal-artikolu 218 tal-Kap. 12. It-tieni aggravju tagħha huwa li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tagħmel riferiment u tordna wkoll li jiġu prodotti dokumenti differenti minn dawk li talbet l-appellata, u hawn tinvoka l-prinċipji ta' *ultra petita* u *extra petita.* Tissottometti li hemm differenza bejn lista' ta' kuntratti u pagamenti u d-dokumenti tal-kuntratti u pagamenti nfushom, u tikkontendi li l-Kummissarju ma kellu l-ebda kompetenza sabiex jordna l-esebizzjoni ta' dokumenti li ma ntalbux mill-appellata. Għalhekk il-Kummissjoni appellanta tgħid li l-Kummissarju u anki t-Tribunal marru *ultra vires* il-kompetenza tagħhom, għaliex huma kienu tenuti jiddeċiedu jekk id-dokumenti mitluba kienux soġġetti għall-eżenzjoni invokata minnha. Il-Kummissjoni appellanta, filwaqt li tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 23(4) tal-Kap. 496, tikkontendi li mkien f'din il-liġi ma tingħata l-kompetenza sabiex il-Kummissarju jordna l-produzzjoni ta' dokumenti li ma jkunux ġew mitluba mill-applikant. F'każ kuntrarju, hija qatt ma tista' tkun ċerta dwar dak li jintalab u dwar dak li hija għandha tippreżenta lill-applikant. Il-

Kummissjoni appellanta tirrileva li hija qatt ma qalet li m'għandhiex id-dokumentazzjoni li l-Kummissarju ordna li tiġi mgħoddija lill-appellata, iżda qalet biss li kienet il-lista mitluba li ma kinitx teżisti. Tgħid li madankollu il-Kummissarju ma kkunsidrax dan l-argument tagħha, u nterpreta t-talba b'mod arbitrarju, sabiex b'hekk id-deċiżjoni tiegħu hija *ultra vires,* u anki *ultra petita.* Hawnhekk il-Kummissjoni appellanta tagħmel riferiment għal dak li ngħad f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna sabiex issostni l-argument tagħha. Tikkontendi li hija tpoġġiet f'pożizzjoni fejn qatt ma kellha l-opportunità li teżamina jekk l-imsemmija dokumentazzjoni kellhiex tingħata lill-appellata, għaliex seta' kien il-każ li din potenzjalment ma kellhiex tiġi ppubblikata kemm fl-interess tagħha stess u anki fl-interess pubbliku. Għalhekk tgħid li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija għal kollox irregolari u llegali. Dwar it-tielet aggravju tagħha, tissottometti li l-Kummissarju ma eżerċitax b'mod korrett id-diskrezzjoni tiegħu. Tgħid li mid-deċiżjoni tiegħu jidher li huwa ma fehmx l-argumenti tagħha u għal liema dokument kienet qegħda tagħmel riferiment l-appellanta, u tikkontendi li jekk tassew fehem l-argument tagħha, il-Kummissarju ma seta' qatt wasal għall-istess deċiżjoni. Tirrileva li l-Kap. 496 jitkellem dwar dokumenti eżistenti, u dan ukoll fid-dawl ta' dak li jiddisponi għalih il-para. (b) tas-subartikolu 6(1) tal-Kap. 496, li jikkontempla li d-dokument mitlub għandu jkun wieħed li jeżisti, u li qiegħed fil-pussess tal-awtorità. Hawn ukoll in sostenn tal-argument tagħha, il-Kummissjoni appellanta tagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-istess liġi, li jagħti t-tifsira ta' 'dokument'. Il-Kummissjoni appellanta tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha billi tagħmel riferiment għall-aggravji kollha li hija

kienet fissret fl-ittra tagħha tat-2 ta' Frar, 2021, li kopja tagħha kienet ġiet annessa mar-rikors tagħha ppreżentat quddiem it-Tribunal bħala 'Dok. B'.

10. Min-naħa tagħha, l-appellata fit-tweġiba tagħha tibda billi tirrileva li fir-rikors tal-appell ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni tan-numru tal-karta tal-identità tal-appellata, u anki n-notifika saret għand Fenech & Fenech, Triq San Ġwann, Valletta, minflok f'Highland View Apartments/4 Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, San Pawl il-Baħar. Fit-tieni lok tirrileva li l-Kummissarju li kien jagħmel parti mill-proċeduri quddiem it-Tribunal, ma jidhirx fl-okkju tar-rikors tal-appell odjern. Fit-tielet lok tgħid li hija kienet qegħda ssostni li l-appell odjern għandu jiġi mwarrab għaliex jidher ċar li kien hemm tentattiv sabiex jiġi preġudikat l-operat ġurnalistiku tal-appellata u dak tan-*newsroom* li hija tagħmel parti minnha. Tikkontendi li l-appell ikompli bit-tattiċi wżati kontra l-appellata f'stadju iktar bikri tal-proċeduri, fejn hija kienet qegħda inutilment u intortament tiġi soġġetta għal pressjonijiet finanzjarji. Għalhekk mad-daqqa t'għajn kien jidher li dan l-appell, bħal dawk ta' qablu, kien wieħed ta' SLAPP għal dawk ir-raġunijiet oħrajn li kienu ser jiġu spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Dwar l-ewwel aggravju, tgħid li d-deċiżjoni appellata hija tassew motivata u spjegata, u għalhekk hija ma kellha xejn iktar x'iżżid. Dwar it-tieni aggravju, tissottometti li hija mhijiex qegħda tifhem l-import tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-appell sħiħ, l-appellata tirrileva li l-Kummissjoni appellanta mhijiex qegħda tressaq xi argument ġdid, u irripproduċiet mill-ġdid l-argumenti li ġew ittrattati u mwarrba mit-Tribunal. Għalhekk din il-Qorti ma kellhiex tiddistruba jew tissindika l-apprezzament tal-fatti relattivi, inkluż il-valutazzjoni u l-piż mogħti lill-istess, imma anki l-applikazzjoni tal-liġi kif magħmula mit-Tribunal. Il-fatt li l-Kummissjoni appellata qegħda proprju f'dawn il-proċeduri ta' appell

tittanta tbiddel id-deċiżjoni li ngħatat kontriha, tgħid li juri kemm bl-ebda mod din ma trid tottempora ruħha mal-obbligu ta' kull entità pubblika li tagħti rendikont tal-infiq ta' fondi pubbliċi. L-appellata ssostni li l-informazzjoni mitluba kienet u għadha materja ta' interess pubbliku li tinforma d-dibattitu politiku fil-pajjiż. Għalhekk, l-appell odjern huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt, iktar u iktar meħud in konsiderazzjoni l-jedd fundamentali tagħha kif sanċit bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li tirċievi u tagħti nformazzjoni.

11. Il-Qorti tgħid li issa jonqos li jiġi nvestigat dak li qal it-Tribunal. Beda billi qies li l-Kummissjoni appellanta bħala awtorità pubblika skont id-definizzjoni mogħtija fil-Kap. 496, kif sewwa jirrileva l-Kummissarju, titħallas minn fondi pubbliċi u għalhekk tirriżulta l-aspettattiva li l-pubbliku għandu jkun jaf fejn marru l-flus u għaliex. Wara li kkunsidra li l-Kummissjoni appellanta kienet qegħda tilmenta li d-deċiżjoni tal-Kummissarju ma kellhiex motivazzjoni, għaraf li tali deċiżjoni kienet imsejsa fuq il-motivazzjoni li tinstab fil-paragrafi 7 sa 10 tagħha. Wara li għamel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, tal-20 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Tomlin Company Limited *vs.* Jon David Limited**, kompla billi tenna għal darb'oħra li l-Kummissarju kien sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq dak li ngħad minnu fil-paragrafi 7 sa 10 tad-deċiżjoni tiegħu, fil-parti ntestata *'Legal analysis and Decision'*. Qal li wieħed seta' jaqbel jew ma jaqbilx mad-deċiżjoni, iżda dan ma kienx ifisser li din ma kinitx motivata, għaliex għall-kuntrarju din kienet msejsa fuq l-osservazzjonijiet fil-paragrafi msemmija. Il-Qorti tikkondividi l-fehma espressa mit-Tribunal, u għall-kuntrarju ta' dak li qegħda tisħaq fuqu l-Kummissjoni

appellanta, tikkunsidra li l-paragrafi 7 sa 10 tad-deċiżjoni tiegħu huma xhieda tal-fatt li din hija suffiċjentement motivata. Il-Qorti hawnhekk tassew m'għandha xejn iktar x'iżżid ma' dak li qal it-Tribunal.

12. Imbagħad l-imsemmi Tribunal spjega t-tifsira ta' *extra petita* u ta' *ultra petita* skont l-insenjament tal-Qrati tagħna, u ddikjara li fil-każ odjern il-Kummissjoni appellanta ma kellhiex raġun tikkontendi li l-Kummissarju kien marbut jordnalha tippreżenta lista tal-kuntratt eċċ, iżda mhux il-kuntratti nnifishom. It-Tribunal għaraf li l-Kummissarju fil-fatt kien għamel talba lill-imsemmija Kummissjoni appellanta *ai termini* tal-artikolu 24 tal-Kap. 496, fejn ġie stabbilit li tassew saru pagamenti mingħandha lill-kumpaniji u lill-persuna ndikati mill-appellata fir-rikjesta tagħha. Il-Qorti tgħid li jekk kif hija ddikjarat fit-tweġiba tagħha lill-Kummissarju, il-Kummissjoni appellanta ma kinitx fil-pussess ta' dak mitlub minnha, jiġifieri l-lista bid-dettalji skont ir-rikjesta tal-appellata tal-4 ta' Frar, 2021, imma l-istess informazzjoni kienet tinstab u setgħet tittieħed mid-diversi dokumenti fil-pussess tagħha, il-Qorti tikkunsidra li d-deċiżjonijiet rispettivi tal-Kummissarju u tat-Tribunal huma tajba, għaliex l-istess informazzjoni l-appellata kienet ser tirċeviha minflok permezz tad-dokumenti nnifushom. Il-Kummissjoni appellanta ma tistax tippretendi li d-disposizzjonijiet tal-liġi, u anki ir-rikjesta tal-appellata, għandhom jingħataw interpretazzjoni tant restrittiva li hija b'hekk tista' taħrab mill-obbligi tagħha kif imfissra fil-Kap. 496. Lanqas tista' tintlaqa' s-sottomissjoni tagħha li hija kellha tkun taf b'dak li kien ser jiġi deċiż minn qabel sabiex tkun f'pożizzjoni li teżamina jekk tassew dik id-dokumentazzjoni kellhiex tiġi rilaxxjata, u dan proprju għaliex ftit li xejn l-argument tagħha jista' jitqies bħala wieħed validu u konvinċenti, fid-dawl tal-fatt li hija qatt ma qajmet din il-kwistjoni qabel, għajr issa fl-istadju tal-

appell. B'hekk sewwa kkunsidra wkoll it-Tribunal li l-informazzjoni msemmija kienet taqa' taħt it-tifsira mogħtija mill-artikolu 2 tal-Kap. 496 tal-kelma *'dokument'*, fejn il-Qorti tirrileva li fil-każ in kwistjoni hija rilevanti l-ewwel parti ta' din it-tifsira, li tipprovdi li dokument ifisser *'kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika u li fuqu kienet irreġistrata informazzjoni fi kwalunkwe forma'*. Għalhekk huwa irrilevanti jekk l-informazzjoni tingħatax fil-forma rikjesta jew f'xi forma oħra, u dan dejjem sakemm tiġi milqugħa r-rikjesta fis-sustanza tagħha. Isegwi li l-Kummissarju kien korrett meta għaraf li l-Kummissjoni appellanta kienet fil-pussess ta' dokumentazzjoni li kienet tissodisfa r-rikjesta tal-appellata, u b'hekk ordna li dawn kellhom jgħaddu għand l-appellata. Konsegwentement kien korrett ukoll it-Tribunal meta ma sab xejn x'jiċċensura fid-deċiżjoni tal-Kummissarju. It-tielet aggravju pjuttost ikompli fuq l-aggravji ta' qabel, u għalhekk il-Qorti ma tikkunsidrax li għandha terġa' tirrepeti dak kollu li hija għadha kif fissret hawn fuq.

13. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li l-aggravji tal-Kummissjoni appellanta huma ġustifikati, u tiċħadhom.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-Kummissjoni appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni appellanta wkoll.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**